# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 32/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Oreste Mercieca**

**Francis Xavier Galea**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Oreste Mercieca, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 844057M u Francis Xavier Galea, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 320863M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali :

1. Talli fis-26 ta' Marzu, 2008 ghall-habta tal-11.00am fil-kapacita' taghhom personali u/jew ta' sidien li jigesitxxu Pastizzerija Galea, Marsa Industrial Estate, l/o Luqa, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl'arti jew fil-professjoni taghhom jew b'nuqqas ta'

tharis ta' regolamenti wegghu gravi Paul Schembri u dan ai termini tal-Art. 225, 216 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jharsu s-sahha u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghux jigu affetwati bix-xoghol, li kien qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli 6(1)(2) ta' l-att 27/2000 Kap 424;

3. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhadmu, u ta' kull persuna ghal rasha, naqsu li jaghmlu, jew li jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li rrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li hadmu ghal rashom li ghalihom ikun esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawn li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36/03;

4. Akkuzati ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhadmu hames haddiema jew aktar, naqsu milli jzommu fil-pussess taghhom kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li jizguraw li kienu aggornati regolarment u dan ai termini ta' l-artikolu 10(2) ta' A.L. 36/03;

5. Akkuzati ukoll li fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhadmu naqsu milli jiehdu l-mizuri mehtiega biex jizguraw li l-apparat tax-xoghol ghad-disposizzjoni tal-haddiema fl-intrapriza u, jew

fl-istabbiliment innifsu jkunu adatti ghax-xoghol li jkun se jitwettaq jew adatti kif imiss ghall-iskop u kienu se jintuzaw mill-haddiema minghajr perikolu ghas-sigurta' u ghas-sahha taghhom u dan ai termini ta' artikolu 3 tal-A.L. 282/04

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Jannar, 2015 li biha sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u ikkundannathom tnax (12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali kienu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2) u ghall-multa ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) kull wiehed. B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputati sabiex sa zmien xahar minn meta jkunu hekk mitluba bil-miktub ihallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed mis-somma ta' disa' mija wiehed u tmenin euro u disghin centezmu (€981.90) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Oreste Mercieca u Francis Xavier Galea, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti joghgobha **tvarja** l-istess sentenza in kwantu ghal ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet rispettivament stante illi dawn ma jirrizultawx minhabba konflitt car tal-provi u **tilliberahom** minn dawn l-imputazzjonijiet u l-htija, filwaqt illi **tikkonferma** s-sentenza suriferita nkwantu ghat-tielet u r-raba imputazzjonijiet biss, w **alternattivament** fl-eventwalita' illi dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sejbien tal-htija ghall-kull imputazzjoni jew parti minnhom, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha in kwantu l-piena karcerarja li giet u minflok timponi piena aktar gusta w ekwa skond il-ligi w skond c-cirkostanzi ghall-kaz oderjn u tikkonfermha fil-bqija;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-appellanti u dawk tal-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanti jillanjaw is-sentenza appellata b'zewg aggravji, l-ewwel wiehed jindirizza s-sejbien ta' hitja u t-tieni wiehed dwar il-piena erogata. L-appellanti ma humiex qieghdin jikkontestaw is-sejbien ta' htija dwar it-tielet u r-raba imputazzjoni u ghalhekk dan l-appell huwa dwar l-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjoni. Fl-ewwel aggravju taghhom, l-appellanti jidher, ghaliex l-argumenti in rigward xejn ma huma cari, illi qieghdin jimpunjaw is-sentenza appellata bil-gravami illi l-ewwel Qorti strahet fuq id-divergenzi li kien hemm bejn ix-xhieda fl-*in genere* u dawk *viva voce* quddiemha;

2. Il-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw korriment fuq post ta' xoghol li huwa fabbrika zghira li timmanifattura prodotti bhal ravjul u pastizzi. Paul Schembri, li mhux registrat li jahdem mal-appellanti li, izda, dak il-hin kien fl-ewwel sular tal-fabbrika fejn issir il-manifattura u li jghid li kien qieghed hemm biex ikellem lill-habib tieghu, safa gravament korrut meta idu x-xellugija inqabdet f'magna uzata f'parti mill-processar tal-ghagina minkejja li din il-magna ghandha gradilja konnessa ma' *safety* jew *cut off switch* intiza biex ma jigrux dawn l-incidenti;

3. Wara li din il-Qorti ezaminat l-atti processwali kollha, inkluz r-relazzjonijiet teknici, ritratti u dokumenti, hi tal-fehma illi jkun

opportun li tispjega, kif fehemet hi, dwar l-aspett ta' sigurta' ta' din il-magna ghaliex kull persuna li xehedet donnu ghandha verzjoni ghaliha. Din il-magna ghandha zewg funzjonijiet: Mill-parti ta' fuq titqieghed l-ghagina, gia impastata permezz ta' magna ohra, u permezz ta' shaft bi xfafar li jahdem b'wiehed miz-zewg muturi tal-eletrriku, din issib ruhha fil-kompartament ta' taht. Minn hemm, permezz ta' mutur iehor u mekkanizmu separat, l-ghagina tohrog miftuha f'faxxa twila b'certu qisu uniformi u titrembel fuq romblu biex minn hemm tkun lesta ghall-uzu iehor. Mir-ritratti esebiti, l-magna ghandha tul hafna oghla minn hogor normali ta' tieqa u dan l-aspett ser ikun rilevanti aktar tard. Kwantu ghall-parti elettrika, l-magna tiehu l-kurrent minn *main switch* mal-hajt li jaghti ghal-*control board* u minn hemm ghall-fuq il-*control unit* mwahhal fuq il-lemin tal-magna fejn hemm switch ghall-kull mutur u switch ta' emergenza li skond il-perizji maghmula dan tal-ahhar huwa tant sensittiv li jitfi l-magna bl-icken moviment tieghu. Il-parti ta' fuq, igifieri l-estremi vertikali tal-magna, tintuza sabiex fiha titqieghed l-ghagina kif gia spjegat. Din hija forma ta' bajla zghira u tinghalaq permezz ta' gradilja li tghaddi minn *channel* fuq ix-xellug u iehor fuq il-lemin b'mod allura li biex tinfetah tista' jew tigbed kollha 'l barra mic-channel ghall-quddiem jew tingibed ftit 'l quddiem biex tkun tista tintefa l-ghagina. Ma' din il-gradilja, fuq il-wara taghha fin-naha tal-lemin hemm speci ta' forketta, wweldjata li tidhol gewwa *safety* jew *cut off* switch ahmar b'mod allura illi jekk il-gradilja ma tkunx kompletament f'postha, il-mutur ma jahdmix. Fl-invers, jekk il-gradilja tingibed ftit 'l quddiem l-magna tieqaf tahdem. Ghall-kjarezza, anke ghaliex dan ser ikollu relevanza aktar tard, din il-gradilja mhix mwahhla b'xi cappetti u ma tistax ghalhekk tkun olzata biex tinfetah izda tista' tinfetah biss bhal kexxun u trid bilfors tghaddi miz-zewg *channels* laterali sabiex tinfetah;

4. Issa tajjeb ukoll li jsiru xi osservazzjonijiet ghar-rigward ta' xi punti teknici maghmulha fil-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti. Fl-ewwel konsiderazzjoni taghha meta l-ewwel Qorti rrakkontat il-fatti qalet illi

kawza tal-incident Paul Schembri tilef idu x-xelluga. Paul Schembri ma tilifx idu izda, u minkejja li ssubixxa offizi gravi, fortunatament rkupra l-uzu kollu ta' idejh hlief ghal xi movimenti ta zewgt iswaba. Mhux korrett ukoll meta osservat illi "L-espert tekniku Joseph Zammit jispjega fir-rapport tieghu li dan is-safety switch jinstab imqaccat fil-post u kien hemm spotjaturi tal-welding sabiex serva ta' 'by-pass' ghal dan il-funzjoni (Ara Dok JZ4)". Id-dokument JZ (u mhux kif erronjament indikat JZ4 li huwa ritratt), huwa rapport tal-espert tekninu Joseph Zammit fejn dan spjega illi l-forketta, li hu ddeskriva bhala cavetta, li tidhol fis-*safety switch* deskritt *supra*, instabet imqaccta fil-post gewwa l-*iswitch*. Din kienet imqaccta mill-ispotjaturi tal-welding mal-gradilja. A fol 8 ta' dan ir-rapport li jinsab fil-*process verbal* (fol 56 fl-atti processwali), l-espert tekniku korrettament ikkonstata illi "… meta tingibed il-grille, il-magna xorta tibqa' tiffunzjona, jigifieri r-romblu bix-xfafar mieghu jibqghu jduru, u dan minhabba l-fatt li c-cavetta giet imqaccta mill-ispot welding taghha minn mal-griflle.." L-osservazzjoni tal-ewwel Qorti tista' tiftiehem illi kien hemm xi manipulazzjoni fis-safety switch permezz ta' welding meta dan ma huwiex il-kaz. Jekk seta sar xi bye-pass tas-sistema kien filli, wara li tqacctet il-forketta jew cavetta mill-ispot welding taghha minn mall-gradilja, din il-forketta ddahhlet gewwa l-iswitch sabiex b'hekk il-magna tibqa' tahdem bil-gradilja mnehhija. L-istess irid jinghad meta l-Qorti qalet : "L-espert jispjega li minhabba l-fatt li c-cavetta giet imqaccta permezz tal-ispot welding". Ic-cavetta tqacctet mill-ispot welding u mhux permezz tieghu. Ukoll mhux korrett meta l-ewwel Qorti qalet: "Illi inoltre din il-Qorti jidrilha li mir-rapport tal-espert Joseph Zammit jirrizulta minghajr dubju li c-cavetta giet maqlugha minn mal-gradilja ferm qabel l-incident u dan minhabba li hemm l-ispotjaturi fil-welding." L-espert tekniku kien car fil-konkluzzjonijiet tieghu u rrepeta dan l-aspett kemm il-darba u finalment fil-pagna vii tar-rapport tieghu jghid: "Il-hsara konsistenti li nstabet fl-imsemmija magna hija konsistenti biss fuq tqaccit minn mal-

ispot welding ta' dik li tinsab speci ta' cavetta minn mall-grille (xibka) liema tqaccit gie kkagunat minhabba difett tal-istess spot welding li ma kellhiex welding sod bizzejjed". F'parti ohra tar-relazzjoni tieghu, l-espert jirreferi ukoll ghall welding dghajjef tac-cavetta mal-grille.

5. Il-Qorti hasset li kellha taghmel dawn l-osservazzjonijiet sabiex tnehhi kull dubju li seta sar xi manipulazzjoni tas-safety switch permezz ta' xi welding. L-allegazzjoni kontra l-appellanti hi li meta tqacctet il-forketta jew cavetta mill-ispot welding taghha, sabiex il-magna tibqa' tiffunzjona, dik il-forketta ddahhlet fis-safety switch ciononostante., bil-konsegwenzi kollha li dan gab mieghu;

6. Jokkorri issa li jkunu ezaminati l-provi b'mod approfondit bl-iskop li jkun deciz jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha;

7. **Paul Schembri**, l-parti leza, xehed quddiem l-ewwel Qorti illi dakinhar **kien hemm bicca ghagina fuq il-magna u mort innehhiha.** Aktar tard jghid li l-ghagina kienet gewwa l-magna, ma kienx jaf u qabditlu idejh. Aktar tard jerga jispjega li ta skoss il-bieba u laqat l-iswitch. Huwa kien jinsab gewwa l-fabbrika ghaliex kien habib tal-appellanti u kien imur hdejhom. Aktar tard xehed li kien proprju f'dik il-parti tal-produzzjoni fejn safa korrut, minkejja li mhux impjegat hemmhekk, ghaliex bhas-soltu kien qieghed hdejn il-habib tieghu Pierre Galea fejn ukoll joqghodu jitkellmu dwar il-kacca. Pierre Galea huwa hu l-appellant Francis Xavier Galea, wiehed miz-zewg proprjetarji ukoll habib hafna tal-parte civile. Pierre kien habib tieghu u "jien kont naqbad u nidhol. Kont bil-kunfidenza maghhom" u kien ilu jaghmel hekk ghal snin u kien familjari mal-post u hadd qatt ma qallu biex ma jitlax hemm fuq u kien bil-kunfidenza maghhom. Cahad li quddiem il-Magistrat Inkwirenti kien xehed li kien jaghmel xi deliveries fil-fabbrika u ddikjara li dak inhar ma kien talab il-permess ta' hadd biex jitla' minkejja li kien hemm tabelli li hu prjobit li jidhol;

8. **Paul Schembri,** izda, kien xehed ukoll fl-*in genere* quddiem l-espert tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti u qal illi kien dizokkupat u

jirregistra ghax-xoghol bil-beneficcji. Kien ilu jaf lil Frans Galea ghal snin u kienu hbieb sew u kien imur ta'spiss fil-fabbrika biex joqghodu jitkellmu, fejn kien idum xi nofs siegha. Dakinhar dahal mill-bieb principali wara li cempel il-qanpiena u fethulu u appena dahal mar fejn iben Frans Galea li jismu Melvin. Tajjeb li d-deposizzjoni tieghu minn hawn 'l quddiem tkun riprodotta verbatim: "Bdejna nitkellmu, waqt li kien hemm Melvin hdejja, kien hemm magna u mort innaddafha. Din il-magna hija dik li thaddem l-ghagina u mort biex innaddafha. Din il-magna hija dik li thaddem l-ghagina u tohrog l-ghagina bhala romblu. Din il-magna kienet qed tahdem meta jien ersaqt hdejha biex innaddafha. Nippreciza li din il-magna ghandha zewg muturi u dak il-hin kien qed jahdem il-mutur t'isfel biss biex titnaddaf. Il-mutur ta' fuq li jhaddem il-paletti ma kienx qed jahdem. Il-magna ghandha gradilja li dak il-hin ma kienitx f'postha ghaliex kienet maqlugha. Jien rajt din il-gradilja ma' l-art. Jien dahhalt idi tax-xellug biex innehhi l-frak ta' l-ghagina li kien hemm mal-paletti li kienu weqfin. Hekk kif kont b'idi fil-magna din bdiet tahdem u l-paletti bdew iduru. Paletta minnhom qabditli l-arlogg li kelli f'idejja. Dak il-hin ghafast l-iswitch b'idi l-leminija u tfejt il-magna. Jiena kont naf ghal x'hiex qieghed l-iswitch ghaliex inkun ta' spiss fil-kamra hdejh. Kif waqfet il-magna hrigt idi u ntfajt ma' l-art. Sa dak il-hin Melvin kien ghadu hdejja, meta beda jghajjat lill-misieru ghall-ghajnuna. Imbaghad telghu jghinuni sakemm giet l-ambulanza. Mistoqsi nghid jekk fil-kamra kienx hemm Pierre nghid li le ghaliex dan nizel isfel jiehu xi te. Pierre jahdem ir-ravjul kif ukoll Melvin, dawn ikunu jahdmu flimkien fil-fabbrika u ma kontx qed nahdem. **Jien naf li l-gradilja tinqala' filwaqt li c-cavetta tibqa mwahhla fis-switch u b'hekk tibqa' tahdem.** [enfasi ta' din il-Qorti] Nahseb li meta dahhalt idejja fil-magna lqatt is-switch u bdiet tahdem. Nghid ukoll illi l-gradilja jien gbidtha u hrigtha minn postha, wara poggejtha ma l-art biex bdejt innaddaf." Din id-deposizzjoni inghatat fis-26 ta' Marzu,

2008, id-data tal-incident fl-Isptar Mater Dei, jigifieri erba snin qabel ma xehed quddiem l-ewwel Qorti.

9. **Melvin Galea** xehed biss fl-*in genere* u qal li la jahdem u anqas jirregistra izda ta' spiss ikun fl-ufficcju hdejn missieru fil-fabbrika u gieli jitla fis-sular ta' fuq fejn jinhadmu il-prodotti izda ma jaghmilx xoghol f'dik il-parti. Fil-gurnata tal-incident wasal ghall-habta tas-7.30am jew it-8.00am u qaghad fl-ufficcju. Missieru wasal aktar tard u f'xi hin filghodu ra lill-Paul Schembri diehel fil-fabbrika izda ma jafx min fetahlu, qaghdu jitkellmu xi ftit izda imbaghad Schembri tela t-tarag ghal fuq u wara xi kwarta Pierre Galea nizel jigri minn fuq jghajjat lill-missieru [allura hu l-appellant] biex jitla fuq. Huwa nnega li kien qed jahdem ir-ravjul ma' Pierre u qatt ma jkun qed jahdem fuq izda jaf kif jahdmu l-magni inkluz l-uzu tal-gradilja ta' magna in kwistjoni;

10. **Pierre Galea** [indikat bhala Peter fit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tieghu a fol 289 quddiem l-ewwel Qorti] xehed illi dakinhar kien ghadu kemm lesta jahdem ir-ravjul bil-magni u kien naddaf kollox meta tfacca Paul Schembri appena kien qed jaghti l-ahhar tindifa l-mejda. F'dak il-hin dahal fit-toilet u malli gie lura sab lil Schembri mal-art bid-demm li infurmah li kien hemm bicca ghagina fil-magna u meta mar jipprova jaqla' l-hadida minflok li gibidha "Mar jipprova jghollija u qaccatha. Tqactet is-safety u x'hin mar jipprova jdahhal idejh laqat is-switch qal". Mistoqsi dwar l-istat tal-magna qal li din kienet wieqfa wara li kien xeghelha biex titnaddaf u hargilha l-ghagina. **Fl-** ***in genere*** kien xehed b'mod differenti fejn qal li wara li kien ilu jitkellem ma Schembri ghal xi hmistax-il minuta kellu bzonn imur it-toilet u halla lill-Schembri wahdu. "Dak il-hin kien hemm il-magna li tohrog l-ghagina tahdem biex titnaddaf. Domt barra mill-kamra madwar ftit minuti. Mort lura fil-kamra u sibt lill-Pawlu mixhut ma' l-art". Meta gie lura mit-toilet il-gradilja kienet mal-art u l-magna kienet wieqfa ghaliex kien tfiha Pawlu bl-*emergency switch*. Sa dakinhar kollox kien

kif suppost f'din il-magna u ma jafx kif setghet inqalet [il-furketta] tas-*safety* minn mal-gradilja;

11. L-appellant **Francis Xavier Galea** xedet quddiem l-ewwel Qorti u meta mistoqsi kif Paul Schembri sab ruhu fil-fabbrika qal li huh [hu Schembri] kien jissuplixxa l-fabbrika bil-bajd u kultant kien jigi mieghu. "Kien jigi ma' huh, jidhol, narawh hemm". Qal li ma jaf assolutament xejn dwar kif gara l-incident ghaliex dak il-hin kien isfel l-ufficcju. Mistoqsi x'gara, l-appellant qal hekk: "Illi din il-hadida probabbli jew ma kienx jaf jiftahha, ma kienx jaf jiftahha ghax kieku fetahha kif suppost li jiftaha bniedem illi jaf xogholu kien johroggha u kienet tohrog. Imma 99% illi ma kienx jaf kif tinfetah jew skusjaha u halliha dik il-hadida gewwa, qaccat il-hadid gewwa... Bil-fors li hekk gara. Esperjenza taghha din ma kellux ghax kieku kellu din harget, bhal ma kienet tohrog kienet tibqa' tohrog. **Fl-*in genere*** xehed illi huwa jiehu hsieb l-amministrazzjoni filwaqt li l-appellant Oreste Mercieca jiehu hsieb fuq, il-pastry room.;

12. L-appellant **Oreste Mercieca** xehed illi meta Schembri wegga fil-fabbrika ma kienx ghad jafu izda xi kulltant kien jinzertah isfel. Ghalkemm l-iskrivanija tieghu tinsab fejn it-tarag, dak il-hin kien fil-*cold room* u minkejja li gieli kien ra lil-Schembri fil-fabbrika meta jigi ma' huh u gieli ha kafe hemm, qatt qabel ma kien rah fis-sular ta' fuq u kieku rah qabel kien izommu. Jghid ukoll illi ma huwiex intiz tal-magni. In kontro ezami jghid illi fil-passat Schembri kien ghamel zmien jahdem maghhom meta kienu ghadhom jahdmu minn Hal Ghaxaq u kien jaf lis-socju tieghu l-appellant Galea izda ix-xhud kien jiehu hsieb il-bejgh u kien jahdem fuq barra. Il-magni li kellhom fil-fabbrika huma l-istess li kienu jahdmu bihom Hal Ghaxaq. **Fl-*in genere*** xehed illi ma jidholx fil-*pastry room* fejn gara l-incident u dwar il-magna ma jista jghid xejn ghaliex qatt ma kellu x'jaqsam maghha u anqas jaf ihaddimha;

13. Jemergi ukoll mid-dokumenti esebiti illi Paul Schembri kien jahdem mal-appellanti mill-21 sal-24 t'Ottubru 2002, mit-18 ta'

Novembru 2002 sas-7 ta' April, 2003 u wara l-incident beda jahdem *full time* maghhom mil-1 ta' Marzu, 2009. Iz-zewg appellanti xehedu illi wara dak li gralu Schembri, kienu thassruh u dahhluh maghhom bhala labourer;

14. L-ewwel Qorti rragunat illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-appellanti mhux biss ma wettqux ir-risk assessments mehtiega skond ir-regolamenti tal-harsien tas-sahha fuq il-post tax-xoghol "izda addirittura effettwaw xi xoghol fuq il-magna li fuqha sehh l-incident fejn tnaqqas xi safety feature skond kif jirrizulta mir-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit". Issa ghalkemm huwa minnu u evidenti illi sew Paul Schembri, kif ukoll l-appellanti u Pierre Galea ppruvaw josturaw il-verita fid-deposizzjonijiet konflingenti taghhom, mkien ma jirrizulta li xi hadd wettaq xi modifika fuq din il-magna. Il-forketta tqacctet mill-welding u mhux tnehhiet. Dak li jibqa' mistur huwa meta din tqacctet, kienx mgharuf ghall-appellanti u jekk kienx konvenjenti li l-magna tibqa' tintuza b'dak il-mod minghajr ma terga tissewwa;

15. Pierre Galea jipprova joffri raguni ghaliex din il-forketta tqacctet minn mal-gradilja meta jghid illi jista' jkun li meta Paul Schembri prova jiftahha huwa gholla l-gradilja minflok ma gibidha. Huwa jghid hekk meta jaf illi l-gradilja, **bl-ebda mod** ma tista' tkun olzata bhala tieqa jew bieba kif spjegat *supra* u kull attentat ghalhekk ikun impossibbli minhabba z-zewg *channels* li fihom timxi din il-gradilja. Minn naha l- ohra Paul Schembri huwa midhla sew ta' dawn il-magni kif jemergi anke mid-deposizzjoni tieghu stess dak inhar tal-incident. Kien hu li mar inaddaf il-magna. Ir-risposta ghall-kweziti maghmula minn din il-Qorti jinsabu fid-deposizzjoni tal-istess Paul Schembri meta jghid: "Jien naf li l-gradilja tinqala' filwaqt li c-cavetta tibqa mwahhla fis-switch u b'hekk tibqa' tahdem. Nghid ukoll illi l-gradilja jien gbidtha u hrigtha minn postha, wara poggejtha ma l-art biex bdejt innaddaf." ;

16. Din id-dikjarazzjoni turi illi Paul Schembri mar inaddaf il-magna u mhux ra bicca ghagina u mar inehhiha. Ma hemm l-ebda raguni

ghaliex il-parti ta' fuq tal-magna kienet qed tahdem ghajr illi thalliet tahdem minn min kien qed joperaha dak il-hin ghaliex huwa inveritier dak li jghid Paul Schembri li seta' laqat l-*iswitch* u bdiet tahdem. Hu seta' jew laqat il-forketta jew cavetta li kienet fis-*safety switch* , izda biex jaghmel dan kellu jixxabbat ghat-tarf tal-magna, jew xeghel l-iswitch mill-*control panel* u xejn ma juri li seta' inxteghel b'mod accidentali. L-espert tal-Qorti ikkonferma li l-magna kienet tiffunzjona tajjeb u ghalhekk ma hemm l-ebda spjegazzjoni ghal dak li gara ghajr illi din il-magna thalliet tahdem, biex titnaddaf wahidha, minghajr, izda, il-gradilja protettiva taghha u malli Paul Schembri avvicina biex inaddaf l-istess ghaliex l-operatur kien lest mill-magna, din qabditlu idu mill-arlogg tieghu u gibditlu idu fil-magna;

17. Jemergi ukoll illi l-kwistjoni ta' ksur tas-safety switch kienet mgharufa ukoll lill-Schembri u allura ma setghetx tkun ukoll mhux mgharufa minn Pierre Galea li hu wiehed mis-sidien tal-fabbrika u wiehed mill-appellanti odjerni. Mill-assjem tal-provi jemergi ukoll illi Paul Schembri kien regolarment prezenti f'din il-fabbrika ta' sebgha minn nies li ghandha l-access taghha mghaluq ghall-pubbliku u tista' tidhol biss fuq rikjesta. Paul Schembri stess jghid illi dakinhar, cempel il-bieb u fethulu. Marbut ma' dan kollu hemm il-fatt illi l-appellanti kienu naqsu milli jhejju evalwazzjoni tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta fuq il-post tax-xoghol u ghalhekk l-ewwel Qorti rabtet din l-inosservanza man-nuqqas tal-appellanti li jaraw illi l-apparat taghhom ikun dejjem fi stat tajjeb ta' riparazzjoni. L-istess Qorti fehemet ukoll illi Paul Schembri kien jinsab fil-fabbrika bil-konsapevolezza tal-appellanti u marret oltre billi ddikjarat li kienet konvinta li kien impjegat hemmhekk b'mod irregolari;

18. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti li setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-dik il-konkluzzjoni;

19. It-tieni aggravju tal-appellanti imbaghad jirrigwarda il-piena erogata mill-ewwel Qorti u l-ilment taghhom hu li piena kalceralia

[*recte:* karcerarja] hija wahda eccessiva u mhix idonea fic-cirkostanzi tenut illi "qatt ma kellhom kazi serji ohra mal-Qorti precedentament". Dwar dan, tajjeb qabel kull konsiderazzjoni ohra li jkun affermat illi ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. (Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubbblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubbblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubbblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015). Mill-istezura tas-sentenza appellata, jidher illi l-ewwel Qorti kkonkludiet illi kien hemm xi manipulazzjoni tas-safety switch meta l-fatti juru illi kull min kien involut ha vantagg mill-hsara li saret fil-gradilja. L-ewwel Qorti kienet urtata mill-fatt u uriet rimostranza ghan-nuqqas ta' ko-operazzjoni tal-appellanti fil-kors tal-investigazzjonijiet. Filwaqt illi l-ewwel Qorti ghandha ragun tissenjala dan in-nuqqas, l-appellanti ghandhom ikunu puniti ghall-eghmil jew nuqqas taghhom li huwa rifless fl-imputazzjonijiet odjerni u setghet tornda li jittiehdu passi kriminali kontra taghhom ghal dak li gara mill-incident 'l quddiem;

20. Ghalhekk il-piena ghandha tirrifletti l-eghmil jew nuqqas li bih kienu imputati l-appellanti u f'dan il-kaz hemm lok li l-piena tkun ridimensjonata u hekk ser isir minghajr ma tnaqqas mis-serjeta u l-gravita' tal-konsegwenzi rizultat tal-eghmil jew nuqqas hekk imputat;

21. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tichad it-talba tal-appellanti ghar-revoka tas-sentenza appellata; tilqa' t-talba ghar-riforma tas-sentenza billi thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanti ghal-terminu ta' prigunerija ta' sena (1) sospiz ghal-sentejn fit-termini tal-aritkolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u fejn kienu kkundannati ghall-hlas ta' Ewro 1,500

multa kull wiehed, u minflok tikkundannahom ghall-hlas ta' multa ta' Ewro 5,000 kull wiehed, u tikkonfermaha fil-kumplament kwantu l-ordni ta' hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti.